

Għall-MEPs ir-Russja m'għadhiex sieħeb strateġiku tal-UE

L-MEPs nhar I-Erbgħa qalu li I-EU trid tivvaluta mill-ġdid b'mod kritiku r-relazzjonijiet tagħha mar-Russja, li saritilhom ħsara kbira, hekk kif din qiegħda tikkommetti vjolazzjoni deliberata tal-prinċipji demokratiċi, tal-valuri fundamentali u tad-dritt internazzjonali bla-azzjoni vjolentti tagħha u d-destabilizzazzjoni tal-ġirien tagħha. L-UE għandha issa tfassal pjan ta' kontinġenza bis-setgħa tal-persważjoni u sabiex jikkumbatti l-politiki aggressivi u diviżivi tar-Russja, żiedu jgħidu.

“Bl-aggressjoni tagħha kontra I-Ukraina u I-annessjoni tal-Krimea, it-tmexxija Russa poġġiet ir-relazzjonijiet tagħna f'salib it-toroq. Issa f'idejn il-Kremlin li jiddeċiedi 'I fejn imur - jew lejn il-kooperazzjoni, inkella lejn aljenazzjoni akbar”. Dan qalu r-rapporteur tal-Parlament Ewropew, Gabrielius Landsbergis (EPP, LT). “Jiena konvint li I-poplu Russu, bħalna ikoll, irid il-paċi mhux il-gwerra. Il-bidla fir-Russja tista', u se tiġi, minn ġewwa. Sadanittant, irridu nibagħtu sinjal b'saħħħtu lit-tmexxija Russa li aħna magħqudin mal-vittmi tal-aggressjoni tagħha u ma' dawk li jħaddnu I-valuri li fuhom hi bbażata I-UE,” kompla jgħid.

Ir-riżoluzzjoni għaddiet mill-Parlament b'494 vot favur, 135 kontra u 69 astensjoni.

L-MEPs qaluli I-pajjiżi membri tal-UE għandhom iżommu bħala "priorità assoluta" I-għaqda ta' bejniethom fil-kuntest tal-annessjoni illegali tal-Krimea mir-Russja u I-involviment dirett tar-Russja fil-gwerra fl-Ukraina. Huma appellaw ukoll biex il-pajjiżi tal-UE jastjenu minn relazzjonijiet u ftehimiet bilaterali mar-Russja li jistgħu jkunu ta' dannu għal din I-għaqda. They also call on EU countries to refrain from bilateral deals with Russia which could harm this unity. Biex tiġi żgurata s-solidarjetà fost il-pajjiżi membri, għandha tinħoloq mingħajr dewmien Unjoni tal-Enerġija Ewropea robusta u bbażata fuq regoli stabbiliti.

Irid isir aktar biex nirribattu I-propaganda Russa

Il-Parlament appella lill-Kummissjoni biex mingħajr dewmien talloka fondi adegwati għal proġetti konkreti biex tiġi ribattuta I-propaganda u I-miżiinformazzjoni Russa fl-UE u barra I-UE u biex tipproforma "għajnuna finanzjarja aktar ambizzju" lis-soċjetà ċivili Russa. Il-Parlament

esprima t-tħassib tiegħu dwar id-deterjorament tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt fir-Russja u appella biex jingħata appoġġ kostanti mill-UE lil dawk li jħarsu d-drittijiet tal-bniedem fir-Russja.

Intemmu I-interferenza Russa fid-demokraziji tal-UE

L-MEPs jinsabu mħassba wkoll li r-Russja qiegħda tippożizzjona ruħha bħala sfidant tal-komunità demokratika internazzjonali u l-ordni tagħha bbażat fuq regolamenti stabbiliti. Barra minn hekk qiegħda tappoġġja u tifinanzja partiti radikali u estremisti fl-UE. Huma appellaw biex il-Kummissjoni u l-pajjiżi membri tal-UE jistabbilixxu mekkaniżmu kkoordinat biex jimmonitoraw l-assistenza finanzjarja, politika jew teknika mogħtiġja mir-Russja lil partiti u organizzazzjonijiet oħra fl-UE u biex jevalwa l-influwenza tagħha fuq il-ħajja politika u l-opinjoni pubblika. L-MEPs qalu wkoll li l-Kummissjoni għandha wkoll tiproponi leġiżlazzjoni li tiżgura trasparenza sħiħa tal-finanzjament politiku tal-partiti politiċi fl-UE minn partijiet terzi minn barra l-Unjoni.

Il-lista s-sewda Russa hija "kontroproduċenti u ta' ħsara"

Ir-riżoluzzjoni tikkundanna wkoll il-lista sewda "arbitrarja" Russa li tipprobixxi 89 politiku mill-UE milli jidħol fit-territorju tagħha. Dan bi ksur tad-dritt internazzjonali u ta' standards universali, kif ukoll impediment għat-trasparenza. L-att huwa "kontroproduċenti u ta' ħsara għall-modi ta' komunikazzjoni digħiġa dgħajfa", qalu b'dispjaċir l-MEPs. Huma saħqu li l-persuni fuq il-lista għandhom ikunu mgħarrfa bil-motivi u jkollhom dritt ta' appell quddiem qorti indipendent.

Relazzjoni kostruttiva meħtieġa

L-MEPs qalu li fuq medda ta' żmien fit-tul jixtiequ jaraw relazzjoni kostruttiva u prevedibbli bejn l-UE u r-Russja, u dan għall-benefiċċju tat-tnejn. Iżda saħqu wkoll li l-kooperazzjoni tista' tissokta biss jekk ir-Russja tirrispetta l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ukraina, inkluż il-Krimea, timplimenta bis-sħiħ il-ftehimiet ta' Minsk, u twaqqaq l-attività militari u ta' sigurtà li għandhom effett ta' destabilizzazzjoni fuq il-fruntieri tal-UE.

Riżoluzzjoni separata dwar is-sitwazzjoni militari strateġika fil-Baċċin tal-Baħar l-Iswed wara l-annessjoni illegali tal-Krimea mir-Russja se tkun ivvutata nhar il-ħamis.

Aktar informazzjoni

Proċedura: Riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva

"Jiena konvint li l-poplu Russu, bħalna lkoll, irid il-paċċi mhux il-gwerra."

Ir-rapporteur tal-PE Gabrielius Landsbergis (EPP, LT)

19

19-il MEPs huma parti mil-lista sewda ta' 89 ċittadin tal-UE projbiti milli jidħlu fit-territorju tal-Russja

Aktar informazzjoni

It-test adottat ikun disponibbli hawn (klikkja fuq 10.06.2015)

Reġistrazzjoni tad-dibattitu

Video tal-konferenza stampa

Materjal awdžoviżiv

Riċerka tal-PE dwar il-manipulazzjoni tal-informazzjoni mir-Russja dwar I-Ukraina u r-rispons tal-UE

Riżoluzzjoni tal-PE dwar I-invażjoni tal-Ukraina mir-Russja (13.03.2014)

Kuntatti

Angelo CHETCUTI

COMM - MEDIA SERVICES

📞 (+356) 21 23 50 75

📞 (+33) 3 881 78120 (STR)

📱 (+356) 994 38 281

✉️ angelo.chetcuti@ep.europa.eu



Servizz ta' l-Istampa, Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni

Parlament Ewropew - Spokesperson: Jaume DUCH GUILLOT

Numru tas-'switchboard' (32-2) 28 33000